**NOMINA TA' EDWARD SCICLUNA GĦALL-ĦATRA TA' GVERNATUR TAL-BANK ĊENTRALI TA' MALTA**

Pubblikazzjoni tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet *ai termini* tal-Artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

**1. Kif tara li nbidel ir-rwol tal-Bank Ċentrali matul l-aħħar snin, x'direzzjoni taħseb li għandu jieħu l-Bank fis-snin li ġejjin?**

Mill-2008 'l hawn ir-rwol prinċipali tal-Bank Ċentrali, bħala membru tal-ewrosistema, hu dak li jieħu sehem b'mod attiv, flimkien mal-banek ċentrali l-oħra li huma membri, fit-tfassil tal-politika monetarja fiż-żona tal-ewro, kif ukoll biex jimplimenta f'Malta d-deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja li jittieħdu mill-Governing Council tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB), li l-Gvernatur huwa membru tiegħu. F'dawn l-aħħar snin il-Bank Ċentrali kien ukoll appuntat bhala l-Awtorità Kompetenti għall-politika makroprudenzjali sabiex jissalvagwarda l-istabilità finanzjarja tal-pajjiż.

Il-Bank Ċentrali Ewropew kellu kontribut importanti, permezz tal-politika monetarja tiegħu, sabiex jgħin l-ekonomiji taż-żona ewro biex joħorġu mill-kriżi finanzjarja tal-2008. Dak iż-żmien, l-ECB kien naqqas ir-rata tal-imgħax li jislef lill-banek kummerċjali għal livell baxx ħafna sabiex il-banek ikollhom sors ta' likwidità bi prezz irħis sabiex ikunu jistgħu jisilfu lin-negozji bi prezz irħis ukoll. Ma ninsewx li dak iż-żmien il-banek kummerċjali kienu fiċ-ċentru tal-kriżi finanzjarja fejn kienet intilfet il-fiduċja bejn il-banek li jisilfu lil xulxin u għaldaqstant bosta banek ġew bżonn l-ECB biex jissellfu mingħandu, b'rati baxxi, biex huma jkunu jistgħu jisilfu lin-negozji. Kien hemm banek ukoll li kellhom bżonn għajnuna diretta minn gvernijiet (*bail-outs*), ewlenin fosthom l-Irlanda, bil-kollass tas-settur bankarju.

Billi kien hemm bosta pajjiżi taż-żona ewro li kellhom kriżi fis-settur bankarju tagħhom, il-Kummissjoni Ewropea, bi qbil mal-Kunsill tal-Ministri, qablet biex ikun hemm aktar regoli strinġenti għas-settur bankarju sabiex ma terġax tirrepeti ruħha fil-futur il-kriżi tal-2008, filwaqt li kien hemm ukoll ftehim għall-Unjoni Bankarja fiż-żona ewro, sabiex ikun sett ta' regoli komuni għall-banek kollha fiż-żona ewro, kif ukoll uniformità fis-superviżjoni tal-banek permezz ta' regolatur waħdieni għall-banek kollha fiż-żona ewro, li kien fdat f'idejn l-ECB.

L-unjoni bankarja ġabet magħha wkoll is-Single Resolution Board, li hu meqjus bħala t-tieni pilastru tal-Unjoni Bankarja. F'każijiet ta' diffikultà f'xi bank partikolari, dan il-bord jiddeċiedi jekk bank li jkun f'qagħda finanzjarja ħażina, għandux jingħalaq jew jiġi salvat. Kull pajjiż jista' jitlob lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tapprova għajnuna li l-gvern tal-pajjiż membru jkun jixtieq jagħti lil xi bank f'diffikultà jekk iħoss li l-għeluq ta' dan il-bank ikollu riperkussjonijiet negattivi fuq l-istabilità tas-sistema finanzjarja ta' dak il-pajjiż. Sfortunatament, it-tielet pilastru tal-Unjoni Bankarja, jiġifieri dak ta' fond komuni, b'kontribuzzjonijiet mill-banek kollha fiż-żona ewro, minn fejn jitħallsu depożitaturi f'każ li xi bank ifalli, għadha ma seħħitx u għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwar dan.

Għalkemm fl-2010 iż-żona ewro bdiet tirpilja, madanakollu, fl-2013 faqqgħet il-kriżi tal-Greċja, li magħha ġibdet ukoll l-Italja, il-Portugall, l-Irlanda u Spanja, fejn bdew iqumu dubji serji dwar is-sostenibilità tad-dejn pubbliku f'dawn il-pajjiżi. Kellna sitwazzjoni fejn kellna tkabbir ekonomiku dgħajjef ħafna, iżda bosta gvernijiet li minflok setgħu jgħinu l-ekonomija tagħhom, kienu kostretti

mill-Kummissjoni Ewropea li jieħdu miżuri t'awsterità sabiex isaħħu l-finanzi pubbliċi tagħhom. Din naturalment kienet wasslet liż-żona ewro fi kriżi fejn kien hemm riskji wkoll li jisfaxxa l-proġett ta' munita waħdanija, l-ewro. Iżda hawnhekk, l-ECB, permezz tal-President ta' dak iż-żmien Mario Draghi, daħal hu biex jgħin isalva il-proġett tal-ewro meta sa mill-2015, wara li r-rati tal-imgħax kienu qrib iż-żero, beda programm ta' xiri ta' *bonds* tal-gvernijiet tal-pajjiżi taż-żona ewro, magħruf bħala *Asset Purchase Programme*. Dan sar sabiex iżid il-likwidità meta l-ECB jixtri *bonds* kemm tal-gvern u anki tal-privat, skont numru ta' kriterji, u jgħaddi dik il-likwidità lil dawk li kienu xtraw dawn il-*bonds*, fosthom il-banek, sabiex ikunu jistgħu jkollhom likwidità biex isellfu. Fil-frattemp, dan il-programm kellu l-effett li naqqas il-piż tad-dejn tal-gvernijiet billi l-assigurazzjoni tal-ECB li jixtri parti mid-dejn pubbliku, żied il-prezz ta' dawn il-*bonds*, u b'hekk waqgħu r-rati tal-imgħax li bih jissellfu gvernijiiet meta joħorgu *bonds* ġodda.

Il-fatt li l-inflazzjoni tul dawn l-aħħar snin baqgħet waħda baxxa ħafna, u 'l bogħod mill-mira ta' ftit anqas minn 2%, l-ECB kien kostrett li jniżżel ir-rata tal-imgħax li biha jislef lill-banek għal 0% filwaqt li r-rata fuq depożiti tal-banek mal-ECB niżlet eventwalment għal waħda negattiva ta' -0.5%. Dan kollu, flimkien ma' diversi skemi ta' self mill-ECB ta' ċertu kundizzjonijiet b'rati saħansitra negattivi, imsejħa *Targeted Long-Term Re-Financing Operations* (TLTROs), flimkien ma' dak li jsejħulha *Forward Guidance*, jigifieri l-ECB fil-komunikazzjoni tiegħu pubblikament jindika li se jibqa' jżomm din il-politika monetarja għal ċertu tul ta' żmien, kollu sar biex jitbiegħed ir-riskju ta' deflazzjoni. Deflazzjoni hija sitwazzjoni fejn il-prezzijiet jibdew jinżlu. Filwaqt li bħala konsumaturi, nieħdu pjaċir meta l-prezz ta' prodott jew servizz jonqos, madanakollu, f'sitwazzjoni ta' tnaqqis ta' prezzijiet, għan-negozji din taf tkun tfisser dħul jew qligħ anqas, u meta l-qligħ jibda jonqos, dan ifisser ġeneralment li jonqos l-investiment għaliex ħadd ma jinvesti meta jara l-prezzijiet u l-profitabilità tibda nieżla.

Naturalment dan kollu jġib miegħu wkoll telf ta' impjiegi u għaldaqstant kriżi ekonomika. Għalhekk huwa importanti għall-ECB li jieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex tkun evitata sitwazzjoni ta' deflazzjoni. Minn dan l-aspett, sa issa, l-ECB irnexxielu jagħmel dan anki quddiem l-isfida tal-COVID.

Naturalment, l-isfida tal-COVD ġabet magħha sfidi ekonomiċi kbar, fejn il-gvernijiet kollha kellhom isofru nuqqas ta' dħul mit-taxxi billi għal xi żmien bosta negozji kellhom jieqfu, u għad għandna numru ta' setturi li mexjin b'ritmu baxx ħafna, bħat-turiżmu, fejn *bars*, li huma għal kollox magħluqin, jew b'ċertu restrizzjonijiet fuq in-negozju. Apparti dan, il-gvernijiet kellhom ukoll iżidu l-infiq, partikolarment fuq is-settur tas-saħħa u anki fuq skemi bħall-*wage supplement* u oħrajn. Dan jirriżulta f'żieda fid-*deficit* u d-dejn tal-gvern.

Għal dan kollu, l-ECB irrisponda billi ħoloq skema ġdida temporanja għall-pandemija, jiġifieri l-*Pandemic Emergency Purchase Programme* (PEPP), fejn billi l-gvernijiet kellhom joħorġu aktar *bonds* biex jiffinanzjaw id-*deficits* tagħhom, l-ECB daħal biex jixtri, dejjem mis-suq sekondarju u mhux direttament mill-gvern, *bonds* tal-gvernijiet kollha tal-pajjiżi membri taż-żona ewro. Apparti dan, tejjeb ukoll il-kundizzjonijiet tal-programm tat-TLTRO billi f'ċertu każijiet, banek kummerċjali jistgħu jissellfu mill-ECB b'rata negattiva ta' -1% jekk jużaw dawk il-fondi biex isellfu lin-negozji.

Ta' min jgħid, li r-reviżjoni fir-regoli tal-banek wara l-kriżi tal-2008 kellha effetti pożittivi għax dawn wasslu lil banek biex tul dawn is-snin saħħew il-qagħda finanzjarja tagħhom, permezz ta' livell u proporzjon aktar għoli ta' kapital, u titjib sostanzjali fil-kwalità tal-assi tagħhom, permezz ta' tnaqqis sostanzjali fin-*non performing loans* (NPLs) tagħhom, kollha wasslu sabiex kontra dak li ġara fl-2008 fejn il-banek kienu s-sors tal-kriżi, fil-pandemija l-banek kkontribwew biex għenu lill-gvernijiet u l-ECB sabiex jiġġieldu l-effetti negattivi tal-pandemija. Il-banek, kemm minn jeddhom, u anki permezz tad-direttiva mill-Bank Ċentrali, wara avviż legali mill-gvern, il-banek taw moratorju fuq self li ħadu

mingħandhom bosta negozji u individwi. Dan sabiex jiġi pospost dan il-piż ta' ħhas lura tal-klijenti sakemm jgħaddu l-effetti tal-pandemija. Dan kien possibbli għaliex it-tibdil fir-regoli tal-banek wara l-kriżi finanzjarja tal-2008, ġab tisħiħ fil-kapital tal-banek. Apparti minn dan, il-European Banking Authority, irrilassat ir-regoli tagħha billi sakemm jintemm il-perjodu tal-moratorju l-banek ma kellhomx għalfejn jagħmlu proviżjonijiet, li kieku kien ikollu impatt negattiv fuq il-profitti tagħhom.

Minn dan l-aspett, pajjiżna kien ferm attiv, fejn permezz tal-*Joint Financial Stability Board*, li huwa bil-liġi kompost minn membri tal-Bank Ċentrali ta' Malta u l-MFSA, taw diversi rakkomandazzjonijiet ta' miżuri sabiex waqt il-pandemija l-banek setgħu jkomplu għaddejjin bis-servizzi tagħhom lill-pubbliku, jagħtu moratorju sew lil negozji u individwi li d-dħul tagħhom kien affettwat mill-pandemija, kif ukoll illaxkaw u pposponew ċertu regoli marbuta ma' self fuq xiri ta' proprjetà sabiex jgħinu lil dawk li xtaqu jissellfu biex jixtru proprjetà iżda kellhom impatt temporanju negattiv fuq id-dħul tagħhom.

Għall-futur, il-Bank Ċentrali Malti jrid jiżviluppa sistema ta' pagamenti aktar moderna u li taqdi l-ħtiġijiet tas-settur finanzjarju ta' pajjiżna fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum għas-sena kollha, biex jimmodernizza u jżid l-effiċjenza fil-pagamenti involuti fi transazzjonijiet. F'dan ir-rigward irridu nżidu l-isforzi sabiex inħeġġu lill-pubbliku u lin-negozji jużaw aktar mezzi elettroniċi fil-pagamenti li jagħmlu ta' kuljum fil-ħajja tagħhom. Irridu niftakru li għal Malta din hi ħafna relevanti minħabba l-persentaġġ għoli ta' użu tal-*cash* u l-volum tiegħu ras għal ras.

Nara wkoll, li fis-snin li ġejjin, flimkien mal-Bank Ċentrali Ewropew, tiġi żviluppata wkoll id-diġitalizzazzjoni tal-munita ewro.

Apparti dan, il-Bank, permezz tar-riżorsi umani b'saħħithom fil-kamp ekonomiku u finanzjarju, jista' jżid ir-rwol tiegħu bħala istituzzjoni li tipproduċi riċerka ekonomika li tista' tgħin lis-settur pubbliku u dak privat jieħdu deċiżjonijiet aħjar permezz ta' tbassir ekonomiku iktar dettaljat u preċiż.

**2. Fuq binarji ġenerali, fuqiex tara li se tkun qiegħed tiffoka l-ħidma tiegħek?**

Bħala membru tal-Governing Council tal-Bank Ċentrali Ewropew ser inkompli nagħmel dak li kont għamilt sew fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill tal-Ministri tal-Finanzi: li ngħolli l-profil ta' Malta fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea permezz ta' parteċipazzjoni aktar attiva u intensa, b'sehem akbar fid-diskussjonijiet li jikkonċernawna bħala Ewropej u iżjed u iżjed bħala Maltin. F'kelma waħda naraw minn kmieni dak li jista' jinfluwenza lil pajjiżna. Dwar il-politika fi stadju ta' żvilupp ta' *risk deepening* u *risk sharing* tal-Unjoni Bankarja rrid nara li din ma tkunx ta' dannu għall-istabilità finanzjarja ta' pajjiżna. Qed nirreferi pereżempju fuq l-*issue* tas-*sovereign debt holding* tal-banek.

Apparti dan, se niffoka wkoll fuq l-iżvilupp ta' riċerka ekonomika billi f'pajjiżna għandna nuqqas ta' istituzzjonijiet oħra li jagħmlu studji ekonomiċi b'mod professjonali u xjentifiku. Il-Bank Ċentrali għandu diġà numru ta' riċerkaturi professjonali li jista' jgħolli aktar il-livell tar-riċerka. Permezz ta' kollaborazzjoni mill-qrib ma' banek ċentrali ewlenin il-mudelli ekonometriċi li qed jintużaw jistgħu jissaħħu.

Fis-snin li ġejjin, il-Bank Ċentrali wkoll irid iżid ir-rankatura tiegħu fit-tħaddim tal-investimenti finanzjarji tiegħu sabiex jagħti l-kontribut tiegħu fl-isfida tal-*climate change*.

Fuq kollox ser nara li jkun hemm ħidma ħafna iktar mill-qrib bejn il-Bank Ċentrali u l-MFSA. Irid ikun hemm aktar sinerġiji bejn ir-regolaturi u s-superviżuri. Irridu nsaħħu dawn iż-żewġ funzjonijiet mingħajr ma nżidu l-ispejjeż żejda għat-*taxpayer*.

Bħala persuna li diġà esperjenzajt il-governanza taż-żewġ istituzzjonijiet fejn kont President fil-każ tal-MFSA u Direttur fil-każ tal-Bank Ċentrali, u wara għamilt 12-il sena fil-politika sew fil-Parlament Ewropew u dak Malti, ser naħdem biex fejn jidħlu s-servizzi finanzjarji ż-żewġ naħat tal-Kamra jersqu aktar lejn xulxin bħalma kien jiġri fil-passat. Ser inkun trasparenti fit-tmexxija tiegħi u verament newtrali fejn tidħol il-politika, eżatt bħalma mxejt fil-passat.

3. **L-esperjenza vasta tiegħek fil-qasam finanzjarju ta' pajjiżna se jkun kruċjali biex negħlbu l-isfidi tal-pandemija COVID-19. Xi rwol tara li għandu jieħu l-Bank Ċentrali fl-irkupru mill-pandemija?**

Għalkemm l-attenzjoni tan-nies kif wieħed jistenna kienet iffukata fuq il-miżuri baġitarji, l-uġigħ ta' ras tan-negozji kien dwar in-nuqqas ta' likwidità u d-djun kurrenti li għandhom mal-banek. Kien għalhekk li l-Bank Ċentrali kellu sehem importanti fl-isfond tal-isfida tal-COVID billi ffaċċja waħda mill-problemi li kellhom bosta negozji, u anki ċittadini privati, dik li tagħtihom tregwa mill-ħlas lura tad-dejn tagħhom mal-banek speċjalment billi kienu bosta li sofrew tnaqqis fid-dħul tagħhom. Il-Bank Ċentrali kien ħareġ direttiva sabiex il-banek jagħtu moratorju kemm lin-negozji, kif ukoll lil individwi u familji. L-isfidi tal-pandemija għadhom hemm, speċjalment għal ċertu setturi, u għaldaqstant il-banek jista' jkollhom sfidi jekk id-dhul ta' ċertu klijenti tagħhom idum biex jiġi lura għall-livell li kien qabel ma faqqet il-pandemija. Naturalment, f'dan il-kuntest il-Bank Ċentrali jrid jibqa' jaġġorna l-politika makroprudenzjali tiegħu sabiex jiżgura li s-sistema finanzjarja tibqa' waħda stabbli. Irid ikun lest sabiex jipprovdi l-likwidità li jista' jeħtiġilhom il-banek sabiex dawn ikunu jistgħu jibqgħu jisilfu lil min għandu bżonn biex iwettaq il-proġetti tiegħu, u b'hekk l-ekonomija tibqa' tikber b'mod sostenibbli.

Il-Bank Ċentrali wkoll irid ikompli għaddej bl-analiżi tiegħu ta' kif se tkun qed tevolvi s-sitwazzjoni sabiex jagħti l-opinjonijiet tiegħu dwar il-miżuri ekonomiċi u fiskali li jistgħu jkunu meħtieġa għaż-żmien ta' wara li tkun għaddiet il-pandemija.

4. **Kif tara li tista' tuża l-esperjenza tiegħek barra minn Malta sabiex tgħin lil pajjiżna f'diversi diskussjonijiet importanti li jkollu fil-qasam finanzjarju u dak monetarju?**

Apparti r-rwol ta' membru fil-Governing Council, il-kariga ta' Gvernatur tinvolvi wkoll diversi kuntatti u laqgħat ma' istituzzjonijiet internazzjonali, fosthom il-Fond Monetarju Internazzjonali permezz l-Article IV Mission, il-Bank Dinji, l-AIIB, l-EBRD, kif ukoll ma' diversi *credit rating agencies* li jżuruna u nżuruhom regolarment biex jagħmlu l-*assessment* tagħhom dwar l-ekonomija Maltija. Ma' dawn l-istituzzjonijiet issir diskussjoni miftuħa ħafna dwar l-andament ekonomiku f'pajjiżna, kif ukoll dwar il-qagħda fiskali, fejn nippreżentawlhom il-miżuri sew fiskali u sew monetarji, li qed jittieħdu, kemm mill-Bank Ċentrali nnifsu, kif ukoll mill-gvern, flimkien mal-previżjonijiet ekonomiċi tal-Bank. Dawn id-diskussjonijiet iservu sabiex dawn l-istituzzjonijiet ikollhom stampa aktar wiesgħa ta' dak li jkunu qed josservaw huma dwar pajjiżna meta jiġu biex jippubblikaw l-opinjoni tagħhom fir-rapporti li jipproduċu. Fuq dan għandi esperjenza twila sew bħala Ministru għall-Finanzi iżda ferm aktar minn qabel diġà f'dan ir-rigward. Dan it-*trust* li bnejt ma' dawn l-istituzzjonijiet matul is-snin ser inkomplih bħala Gvernatur tal-Bank Ċentrali.

5. **Tara li għandek xi kunflitt ta' interess f'din il-kariga li qiegħed tkun propost għaliha?**

L-esperjenza ta' kif jaħdem il-ministeru tal-finanzi f'dik li hi politika fiskali huwa element pożittiv ħafna għall-kariga ta' Gvernatur billi t-tfassil tal-politika monetarja teħtieġ li wieħed jifhem sew u jieħu kont tal-politika fiskali. Tant hu hekk li l-Bank Ċentrali Ewropew hu membru attiv fil-laqgħat tal-Eurogroup (magħmula mill-Ministri tal-finanzi taż-żona ewro). Sew il-President tal-ECB

Christine Lagarde u l-Viċi-President Luis de Guindos jattendu u jieħdu sehem attiv f'kull laqgħa tal-Eurogroup. Il-ġestjoni effikaċi tal-ekonomija tirrikjedi tmexxija tajba tal-politika sew monetarja u sew fiskali. Fl-istess ħin dawn jaħdmu l-aħjar meta ż-żewġ istituzzjonijiet iħarsu l-indipendenza tagħhom fl-għażla tal-politika tagħhom. L-iffissar tal-Bank Rate hi waħda minnhom.

Eżempji ta' ministri tal-finanzi li ġew appuntati gvernaturi tal-bank ċentrali u viċi-versa għandna ħafna. L-aħħar eżempju hu dak ta' Janet Yellen li kienet il-President tal-Bank Ċentrali Amerikan (li jissejjaħ il-Federal Reserve Board tal-Istati Uniti) u qed tiġi appuntata Segretarju tal-Istat għat-Teżor jiġifieri Ministru għall-Finanzi.

Jekk illum wieħed iħares lejn numru ta' gvernaturi ta' banek ċentrali membri tal-ewrosistema, wieħed isib numru ta' ex-ministri tal-fnanzi. Pereżempju, il-Gvernatur tal-Portugall Mario Centeno, tal-Greċja Yannis Stournaras u tas-Slovakkja Peter Kazimir kollha servew ta' ministri miegħi fil-Eurogroup u fil-Kunsill u nħatru gvernatur eżatt wara li temmew il-kariga tagħhom ta' ministri. L-istess jgħodd għal gvernatur preżenti tal-Fillandja Olli Rhen li kien ministru tal-ekonomija qabel ma nħatar gvernatur, bħalma kien il-Gvernatur Josef Bonnici. Nistgħu ngħidu wkoll li sew il-President tal-ECB Christine Lagarde kif ukoll il-Viċi President tal-ECB Luis de Guindos it-tnejn servew ta' ministri tal-finanzi fi Franza u Spanja rispettivament.

### *Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. **Taħseb li invista tar-rapport ippreżentat mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika kien ikun aktar għaqli politikament li l-Prim Ministru jipproponi l-ħatra tiegħek bħala Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta wara li tkun irriżenjajt minn Membru Parlamentari u mhux qabel?**

Skont is-Central Bank Act l-obbligu legali hu li jiena għandi nirreżenja ġurnata qabel id-data tal-ħatra tiegħi bħala Gvernatur mill-President tar-Repubblika.

Dwar ir-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, l-Onorevolli kollega għandu jkun jaf li l-Kummissarju kkonkluda li "*this case report does not represent a finding of misconduct*".

2. **Taħseb li l-pożizzjoni politika preċedenti tiegħek, u ċjoè dik ta' Ministru għall-Finanzi, tista' tpoġġij f'xi kuflitt fil-ħidma futura tiegħek bħala Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta?**

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija Nru 5 magħmula mill-membri min-naħa tal-Gvern.

3. **Tista' tinforma lill-Kumitat dwar il-Ħatriet Pubbliċi jekk hux beħsiebek tbiddel xi politika ekonomika minn dawk li sa issa huma mħaddma mill-Bank Ċentrali ta' Malta?**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta, flimkien mal-membri l-oħra kollha tal-ewrosistema, huma responsabbli mill-politika monetarja għaż-żona ewro. Fl-opinjoni tiegħi l-politika monetarja espansiva hija waħda xierqa fil-kuntest preżenti u anki għal dak li hu mistenni fiż-żmien li ġej billi l-irkupru tal-ekonomiji mill-pandemija jdum jibqa' jinħass.

F'dan il-kuntest, il-politika fiskali wkoll għandha tibqa' waħda espansiva biex tagħti sostenn lill-ekonomija, kemm fuq bażi lokali kif ukoll fuq livell Ewropew. Kif spjegajt qabel, apparti l-politika monetarja, il-Bank Ċentrali huwa wkoll responsabbli mill-politika makroprudenzjali fejn fil-preżent u anki għas-sena li ġejja rridu nkomplu naraw li l-banek ikomplu jagħtu sostenn lin-negozji u anki individwi fl-għoti ta' self u moratorju filwaqt li bħala awtoritajiet inkomplu għas-sena li ġejja

nagħtuhom ftit solljev billi nirrilassaw ftit mir-regolamentazzjoni li kienet introdotta wara l-kriżi finanzjarja tal-2008-2009. Dan għaliex iċ-ċirkostanzi preżenti hekk jitolbu.

F'din il-kriżi tal-pandemija, il-banek iridu jibqgħu jkunu ta' sostenn għall-ekonomija u għaldaqstant huwa importanti li nnaqqsulhom temporanjament ftit mill-piż tar-regoli li kienu ddaħħlu, ġustament, wara l-kriżi ta' tnax-il sena ilu.

**4. X'tibdil tara li jista' jsir biex il-Bank Ċentrali ta' Malta jassumi sehem aktar attiv fir-rigward tal-politika ekonomika ta' pajjiżna?**

Il-Bank Ċentrali diġà għandu rwol attiv b'madat ċar kif spjegajt iktar 'il fuq.

Jgħin li hu membru fl-MCESD u li jagħmel numru ta' stħarriġ fuq is-settur privat biex iżomm idu fuq il-polz tal-ekonomija. Il-Bank ma jistax jindaħal fil-politika ekonomika fiskali tal-Gvern, iżda hu fi dmiru li jagħmel rakommandazzjonijiet minn żmien għal żmien kif ikun xieraq.

Hu għalhekk għandu rwol attiv permezz tal-pubblikazzjonijiet tiegħu, permezz ta' riċerka ekonomika dwar temi diversi li jipproduċi, li minnhom il-gvern tal-ġurnata jista' juża biex ifassal *policies* b'aktar mod infurmat. Għalhekk nemmen li l-Bank Ċentrali jrid ikompli jiżvulppa aktar riċerka għal dan il-għan ukoll.

**5. Taħseb li barra d-dokumenti tradizzjonali li jiġu ppubblikati ta' kull sena mill-Bank Ċentrali ta' Malta jistgħu jinħarġu dokument oħra partikolarment marbuta mal-pożizzjoni ekonomika ta' pajjiżna waqt u wara l-pandemija tal-COVID-19?**

M'hemmx dubbju li parti mir-riċerka li trid issir fiż-żmien li ġej trid tkun iffukata fuq x'kienu l-effetti tal-pandemija, partikolarment id-diversi miżuri li ħadu l-gvernijiet fuq il-pariri tal-awtoritajiet tas-saħħa, biex tiġi kkontrollata l-imxija tal-pandemija għaliex m'hemmx dubbju li dawn kellhom impatt fuq in-negozji u allura t-tkabbir ekonomiku. Hemm mezzi kif dawn il-miżuri jistgħu jiġu kkwantifikati u jsiru studji li jkejlu l-impatt tagħhom fuq l-ekonomija. Il-Bank Ċentrali ta' Malta konvint li għandu riżorsi li għandhom il-kapaċità biex jagħmlu dawn it-tip ta' studji. Din il-kwantifikazzjoni se tkun importanti wkoll għal studji oħrajn fil-futur minħabba l-fatt li f'kull studju ieħor li jsir li jinvolvi l-użu ta' għodod ekonometriċi, jeħtieġ li jiġi iżolat l-effett tal-pandemija biex jiġu identifikati *underlying trends* u effetti speċifiċi oħra barra mill-pandemija.

**6. Taħseb li hemm opportunità ta' sehem aktar qawwi fid-direzzjoni li pajjiżna għandu jieħu fis-setturi ekonomiċi varji li għandu u possibbilment kif jistgħu jitħaddmu aħjar u b'aktar skrutinju?**

Il-mandat tal-Bank Ċentrali mogħti bil-liġi u kif ukoll regolat mill-Bank Ċentrali Ewropew huwa wieħed ċar u limitat għall-politika monetarja, imsejjes fuq għan speċifiku tal-istabilità tal-prezzijiet, u dik tal-politika macro-prudenzjali sabiex jiżgura stabilità fis-sistema finanzjarja ta' pajjiżna. Il-Bank Ċentrali m'għandux awtorità biex jidħol f'oqsma oħra. L-istudji tekniċi u xjentifiċi tal-Bank magħmulin 'il bogħod mill-politika jwasslu li jgħinu sew lill-Gvern u sew lis-settur privat jieħu deċiżjonijiet aħjar.

7. **Taħseb li bħala Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta għandek tiżgura li jkun hemm direzzjoni u linji gwida aktar ċari dwar it-trasparenza u l-kontabilità ekonomika ta' pajjiżna tikber? Jekk iva, kif tiżgura li dan iseħħ?**

Kif għidt fil-mistoqsija ta' qabel, il-mandat tal-Bank Ċentrali huwa wieħed ċar, u dan huwa ffukat fuq l-istabilità fil-prezzijiet u fuq l-istabilità tas-sistema finanzjarja ta' pajjiżna. Biex jagħmel hekk irid iħares b'mod ġeluż l-indipendenza tal-istituzzjoni.

Hu dmir tal-Bank Ċentrali u l-Gvernatur tiegħu li jesprimi opinjonijiet fuq temi diversi, speċjalment dwar l-ekonomija.

Kif weġibt għall-aħħar mistoqsija, mistoqsija Nru 13, il-Ministeru għall-Finanzi, illum għandu ħafna regolamenti u sistemi ġodda li jsaħħu din it-trasparenza u kontabilità speċjalment il-*Fiscal Responsibility Act* u l-istituzzjoni ġdida l-*Fiscal Responsibility Board* biex joħroġ rapporti u rakkomandazzjonijiet minn żmien għal żmien.

Il-pajjiż għandu wkoll l-Uffiċċju tal-Awditur u l-*Public Accounts Committee* li għandhom dawk il-mekkaniżmi biex jiżguraw trasparenza u kontabilità fl-operat tal-Gvern.

8. **Kif tista' tassigura lill-Kumitat dwar il-Ħatriet Pubbliċi li ser tkun tista' taġixxi b'mod indipendenti fil-kariga ta' Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta meta għadek kif temmejt isservi bħala Ministru għall-Finanzi ftit tal-jiem ilu biss?**

Ara t-twegiba għall-mistoqsija Nru 5 magħmula mill-membri min-naħa tal-Gvern.

9. **Ma taħsibx li n-nomina tiegħek bħala Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta tibgħat messaġġ ħażin lill-istituzzjonijiet internazzjonali li qegħdin iwettqu skrutinju dwar il-governanza f'pajjiżna?**

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija Nru 13 hawn taħt.

10. **Tista' tispjega kif inhi aċċettabbli n-nomina tiegħek sabiex isservi bħala Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta meta matul il-perjodu li inti kont isservi bħala Ministru għall-Finanzi u kont tifforma parti mill-Kabinett tal-Ministri ta' Dr Joseph Muscat twettqu l-akbar każijiet ta' governanza ħażina u abbużi finanzjarji fl-istorja ta' pajjiżna?**

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija Nru 13 hawn taħt.

11. **Tista' tispjega kif inhi aċċettabbli n-nomina tiegħek sabiex isservi bħala Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta meta matul il-perjodu li inti kont isservi bħala Ministru għall-Finanzi, il-Bank of Valletta p.l.c., li tiegħu l-Gvern Malti huwa l-ikbar azzjonist, spiċċa tilef l-aħħar *correspondent bank* tiegħu fid-dollaru Amerikan bi ħsara u periklu kbir għall-ekonomija ta' pajjiżna?**

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija Nru 13 hawn taħt.

**12. Tista' tispjega x'għamilt fil-kariga ta' Ministru għall-Finanzi sabiex ma jsirux abbużi bla preċedent, fosthom iżda mhux biss, b'rabta mal-proġett tal-*power station* tal-Electrogas u l-bejgħ ta' tliet sptarijiet pubbliċi lil Vitals?**

L-allegazzjonijiet li qegħdin jiġu implikati fil-mistoqsija għadhom biss sal-lum allegazzjonijiet. Ta' min ifakkar ukoll li dawn iż-żewġ proġetti kienu skrutinizzati u awditjati mill-istituzzjoni mwaqqfa bil-Kostituzzjoni u li tirrapporta dirett lill-Parlament, dik tal-NAO. Dawn ir-rapporti tal-NAO ġew ippubblikati.

Meta jiena għażilt li ntemm il-ħatra tiegħi ta' Viċi-President tal Kumitat ECON fi ħdan il-Parlament Ewropew u nikkkontesta l-elezzjonijiet f'pajjiżi u sussegwentement maħtur Ministru għall-Finanzi, għamilt dan b'determinazzjoni sħiħa li nimmodernizza lill-Ministeru tal-Finanzi biex jilħaq l-istandards ta' governanza fiskali bħal ta' pajjiżi ikbar u aktar żviluppati minna. Ħdimt bis-sħiħ mill-ewwel sena li kont Ministru biex tissaħħaħ il-governanza sew fil-*public procurement* kif ukoll fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

Dettalji dwar dan ix-xogħol tul dan l-aħħar seba' snin u nofs qed jingħataw fir-risposta għall-mistoqsija Nru 13 hawn taħt.

**13. Tista' tispjega kif inhi aċċettabbli n-nomina tiegħek sabiex isservi bħala Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta meta huwa fatt magħruf li inti flimkien mal-eks Ministri Konrad Mizzi u Chris Cardona tinsabu taħt inkjesta maġisterjali dwar il-bejgħ tat-tliet sptarijiet pubbliċi lil Vitals?**

Inkjesta għandha biss l-għan li jiġi aċċertat il-veraċità jew falsità ta' allegazzjonijiet magħmula f'dan il-każ minn NGO bl-isem ta' Repubblika. Dan ma jfissirx li l-persuna li lejha qed isiru l-allegazzjonijiet qed tiġi investigata jew qiegħda taħt xi akkuża. Barra minn hekk, nafu li f'pajjiżna inkjesta tinfetaħ bl-aktar mod faċli fuq rapport unilaterali, anki jekk dan ikun kapriċċuż. Niddikjara bħalma għamilt taħt ġurament fil-Qorti li l-allegazzjonijiet fil-konfront tiegħi minn Repubblika huma bbażati fuq premessi foloz u konġetturi u mingħajr prova waħda biex jissostanzjaw dak li qed jgħidu.

<u>Nota u tweġiba għall-mistoqsijiet 1, 9-12</u>:
Jiena niċħad bil-qawwa kollha l-implikazzjonijiet u l-allegazzjonijiet kollha li qed jiġu suġġeriti f'dawn il-mistoqsijiet. Jiena u l-Ministeru tiegħi ħdima bis-sħiħ mill-ewwel sena li kont Ministru biex tissaħħaħ il-governanza sew fil-*procurement* kif ukoll fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. F'dan iż-żmien biddilna biżżejjed biex insaħħu l-istrutturi u l-liġijiet minn kif kienu qabel dħalt fil-kariga ta' Ministru għall-Finanzi.

**2014** Għall-ewwel darba għaddejna mill-Parlament l-Att dwar ir-Responsbilità Fiskali fejn waqqafna Bord għar-responsabilità fiskali indipendenti. L-iskrutinju jsir matul is-sena kollha u jirrapporta lill-Kamra.

Għamilna riformi biex isir rappurtaġġ aħjar waqt is-simestru ekonomiku u x-xogħol kollu marbut miegħu. Il-programm ta' riformi u l-Update, *economic forecasts,* il-mod kif nirrappurtaw lir-*rating agencies,* lill-Kummissjoni u lill-IMF.

**2014** Tlabna missjoni ta' esperti tal-IMF biex tassistina nsaħħu l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, *Report Strengthening Public Financial Management* (IMF 2014).

**2015** Tlabna rapport minn missjoni ta' esperti tal-IMF dwar riforma tal-amministrazzjoni tat-taxxa.

**2016** Ħriġna regolamenti ġodda dwar *public procurement* li jittrasponu Direttiva tal-EU 2014/24.

**2016** Ħrigna regolament għall-ewwel darba li jirregolaw il-Kuntratti tal-Konċessjonijiet li jittrasponu Direttiva tal-EU 2014/24.

**2014 – 2020** Bdejna nimplimentaw il-qalba tas-sistema tal-*accounting* tal-Gvern minn fuq *cash flow* għal *accrual system*. Wegħda tal-passat li issa bdejna nwettqu u x-xogħol jinsab fi stadju avvanzat.

**2017** Daħħalt fis-seħħ Att li jirregola kif isir is-self tal-Gvern u l-*management* tad-Dejn Nazzjonali.

**2018** Issottomettejna l-pajjiżna għal eżami iebes tal-IMF ta' evalwazzjoni fuq trasparenza fiskali. Ir-Rapport kien pożittiv ħafna u hu ppubblikat, kif ukoll jidher *online* fuq is-sit tal-IMF.

**2019** Tlabna l-OECD tagħmel *re-engineering* tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Dan kien jinvolvi *training* u rapport b'rakkomandazzjonijiet.

**2019** Għamilna *overhaul* kbira (Att Nru XXI tal-2019) tal-Gestjoni tal-Finanzi Pubbliċi li taffettwa l-ministeri kollha tal-Gvern u li kienet rregolata minn liġi tal-1962. Din tal-aħħar ġiet *repealed*.

Ix-xogħol kollu l-ieħor li wassal għal disa' *Budgets* ta' suċċess li rnexxielhom jixprunaw l-ekonomija b'mod li Malta kienet għadha qatt ma rat. Dan wassal biex il-ġid b'terminu nominali rdoppja. Dan il-ġid tqassam b'mod ekwu u b'hekk wassal għal tnaqqis sostanzjali fil-proporzjon tal-persuni u familji li jkunu f'riskju tal-faqar.

Fl-aħħarnett nirrispondi għal dawk il-mistoqsijiet purament ta' natura politika u mhux teknika li jippruvaw b'mod sfurzat jimminaw ir-reputazzjoni li ngawdi fil-ħiliet tiegħi u l-mod rett kif dejjem imxejt.

Jiena perżważ li sew in-naħa tal-Gvern u kemm in-naħa tal-Oppożizzjoni għandhom iħossuħom onorati li dak li se jirrappreżenta lil pajjiżna fuq il-Kunsill ta' Governanza tal-Bank Ċentrali Ewropew igawdi l-fiduċja ta' ħafna istituzzjonijiet Maltin, Ewropej u anke internazzjonali.

**Kull min ħadem miegħi sew fl-Università fejn kont sew Kap għal ħafna snin u Dekan, fil-Kummissjoni Elettorali, fil-Broadcasting Authority, fl-MFSA, fil-Bank Ċentrali ta' Malta u fl-MCESD, fl-Auditing Bord tal-Council of Europe Development Bank, tal-EBRD li tiegħu għal darbtejn kont Viċi Chairman u tal-EIB li tiegħu wkoll kont Chairman, fil-EUROSTAT fejn servejt fuq il-bord ta' esperti (OSGAB), kif ukoll fis-settur privat, dawn kollha jixhdu dwar il-mod korrett u ġust kif dejjem imxejt. Inwiegħed li dan ser inkompli nagħmlu fir-rwol ġdid ta' Gvernatur tal-Bank Ċentrali.**